**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 3 ta' Frar 2016**

**App. Nru. 422/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Sammut**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Joseph Sammut, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 924448(M), talli:

(1) fit-23 ta' Settembru 2012 għall-ħabta tas-17:40hrs u fil-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed fl-inħawi magħrufa bħala 'il-Qasam' limiti ta' Ħad-Dingli, kien qiegħed jonsob għall-għasafar tal-għana, matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar, u dan bi skur tar-Reg 18(1)(c), L.S. 504.71;

(2) waqt staġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar minn fuq l-art, sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, kull persuna li bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx, jew matul xi staġun magħluq, tinsab barra fil-miftuħ fil-kampanja, sew jekk fuq l-art tiegħu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna oħra, jew ukoll barra minn dik l-art, jew tinsab fuq il-baħar iġġorr arma tan-nar

jew munizzjoni għat-teħid tal-kaċċa, hija għandha titqies li tkun qiegħda tfittex jew ddur għall-għasafar, u dan bi ksur ta' reg. 15 ta' S.L. 504.71;

(3) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm jew ġarr arma tan-nar li kienet ikkargata jew bl-iskrataċ fil-kompartiment tal-iskrataċ tal-arma, jew barra l-għata tagħha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kaċċa, u dan bi skur tar-Regolament 17 S.L. 504.71;

(4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha, u dan bi ksur tar-regolament 4(1)(a), S.L. 504.71;

(5) fl-istess, data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna ma għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm il-darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja valida skond ma tkun tapplika, maħruġa mid-Direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra, u dan bi ksur ta' Reg. 12(10 tas-S.L. 504.71;

(6) fl-istess data, lok, ħin  u ċirkostanzi bħala persuna li għandu liċenzja biex iżomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjoni, ma żammx fil-kustodja tiegħu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistgħu jiġu f'idejn ħaddieħor, u dan bi ksur ta' Kap 480 art. 47(1);

(7) bħala pussessur ta' liċenzja taħt l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jħares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-liċenzja;

(8) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita` ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku ejw elettroniku, speċjalment l-uħu ta' tisfir irrekorjdat minn qabel ta' għasafar, u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d), L.S.504.71;

(9) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċċja kellu fil-pusess tiegħu *bird caller*, u dan bi ksur tar-Reg. 7(2), L.S. 504.71;

(10) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża kull tip ta' trabokk, kemm bix-xibka u kemm mingħajrha, u dan bi skur ta' Reg. 7(1)(f), S.L.504.71.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra li tagħti l-piena taħt ir-regolament 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba illi barra illi tagħti l-piena taħt ir-regolament 49(2) tal-A.L. 311/2006 hekk kif emendat tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u bis-saħħa tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika fiż-żamma jew l-akkwist ta' xi liċenzja, permess jew awtorita` maħruġa taħt l-istess regolamenti għal żmien ta' mhux inqas minn sena;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 8(1)(f), 7(2), 7(1)(d), 12(1), 4(1)(a), 17, 15, 18(1)(c) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 504.71 u l-Artikoli 27(1) u 47(1) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imsemmi Joseph Sammut, ħati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u minnhom illiberatu, iżda sabitu ġati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra dedotti u kkundannatu multa ta' elfejn ewro (€2,000) u ordnat il-konfiska tal-*bird caller* esebit;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Sammut ppreżentat fil-11 ta' Ottubru 2013, fejn talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika is-sentenza appellata fis-sens illi fl-ewwel lok tikkonfermaha in kwantu ma nstabx hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, u fit-tieni lok, kwantu għat-tielet, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-għaxar imputazzjonijiet, tħassarha u tirrevokaha u dan billi tilliberah minn kull piena u imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' l-Ispettur Ramon Mercieca; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Joseph Sammut huma s-segwenti:

> "Illi dwar it-tielet akkuza, l-esponent isostni illi l-arma tan-nar kienet tinsab f'post fejn tista' ssir il-kaċċa, u saħansitra kienet mizmuma msakkra f'kamra. Tant hu hekk illi meta gew fuqu l-Pulizija, l-esponent hareg ic-cwievet u kien hu li fethilhom il-kamra fejn instabet l-arma. Ma jistax jinghad allura li l-arma kienet f'post li mhux sikur. Dan japplika wkoll ghas-sitt akkuza, ghax bl-istess argument t'hawn fuq, ghandu jinghad li din l-arma tan-nar ma setghetx tigi f'idejn haddiehor u dan proprju ghax il-lok fejn kienet tinsab kien imsakkar.

> "Illi kwantu ghas-seba', tmin, disa', u ghaxar akkuza, fl-ewwel lok ma kien [hemm] ebda prova li l-esponent kien qieghed jikkaccja. Ghall-kuntrarju, anzi, l-arma tan-nar kienet mizmuma 'il boghod minnu u msakkra. Kull ma qalu l-Pulizija kien illi sabu lill-esponent biswit sigra. Dan ma jfissirx ghalhekk illi kien necessarjament qieghed jikkaccja jew jonsob. Anzi kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova illi fil-fatt l-esponent kien qieghed jonsob jew jikkaccja, liema prova baqghet ma ngabitx ghax lanqas ma setghet tingieb.
>
> "Illi aktar minn hekk l-affidavits mressqa mill-prosekuzzjoni jikkontjenu kunflitti li jixhtu dubju kbira dwar il-verosimilita` taghhom, specjalment dwar il-mod kif sabu lill-esponent fl-ghalqa tieghu."

**6.** Issa, mill-provi jirriżulta illi fit-23 ta' Settembru 2012 filgħaxija, l-Ispettur Ramon Mercieca, P.S. 1330 Alexander Schembri u P.C. 605 Lino Parascandolo kienu qegħdin jagħmlu ronda f'Ħad-Dingli fl-inħawi ta' "Il-Qasam" meta ġew infurmati minn xi *birdwatchers* li kienu semgħu xi sparar b'armi tan-nar. L-istaġun tal-kaċċa kien miftuħ iżda l-kaċċa setgħet issir sas-1.00 p.m. u l-ħin kien xis-sitta neqsin għoxrin. Il-*birdwatchers* indikawlhom fejn kienu semgħu l-isparar u l-pulizija daħlu bil-mixi fl-inħawi ndikati lilhom. P.S. 1330 u P.C. 605 innutaw persuna ddur taħt diversi siġar li ssuspettaw fiha. Huma u sejrin fid-direzzjoni ta' dik il-persuna nfirdu. P.S. 1330 jgħid li kif hu wasal wara ħarruba kbira ferm viċin il-post fejn kien ra dik il-persuna, sema' ċ-ċipp ta' senter tal-kaċċa li kien qiegħed jiġi kkargat. Għalhekk ħa ġirja madwar din is-siġra u ġie wiċċ imb'wiċċ ma' l-appellant li, pero`, ma kellux armi f'idejh. Jgħid illi peress li kien ċert li kien sema' ħoss ta' arma tan-nar, talab lill-appellant itieh l-arma tan-nar iżda l-appellant ċaħad li kellu tali arma u pprova jikkonvinċieh li kien sema' ħażin. P.S. 1330 jgħid li fittex fl-inħawi iżda ma sab xejn. Jgħid ukoll li l-appellant qallu li l-proprjeta` fejn kienu jinsabu kienet tiegħu u li trabokk "li kien jikkonsisti f'toqob kbar ta' madwar 60mm x 60mm fis-saqaf ta' guva bil-gamiem li kien hemm taħt waħda mis-siġar fl-istess post kienet tiegħu u li kien għamilhom hu stess". P.S. 1330 ikkomunika ma' P.C. 605, li wasal fuq il-post, u ma' l-Ispettur Mercieca li meta wasal sab lil P.C. 605 diġa` hemm. Ftit 'il bogħod minn fejn kienu qegħdin jitkellmu kien hemm kamra ta' l-injam u l-appellant, mistoqsi dwarha, qal li ma kinitx tiegħu. L-Ispettur Mercieca saqsa lill-appellant kemm kellu armi tan-nar u fejn kienu, u l-appellant wieġbu li kienu d-dar tiegħu Ħad-Dingli. Għalhekk l-Ispettur Mercieca qallu li obbligat imur id-dar ta' l-appellant biex jurieh l-armi. X'ħin kienu telgħin fil-karozza, P.C. 605 talab lill-appellant ibattal il-bwiet u fost l-oġġetti kien hemm mazz ċwievet. B'waħda minn dawk iċ-ċwievet fetħu l-kamra li l-appellant kien qallhom ma kinitx tiegħu u fiha sabu arma tan-nar Breda kkargata bl-iskrataċ u barra mill-għata tagħha. Sabu wkoll ċinturin b'47 skartoċċ, *bird-caller* u *speaker*.

**7.** B'referenza għat-tielet imputazzjoni, huwa minnu illi fejn instabet l-arma seta' jsir l-isparar fuq il-kaċċa. Iżda fil-ħin li nstabet ma setgħetx issir kaċċa għax il-kaċċa setgħet issir sas-1.00 p.m. mentri l-ħin li nstabet kien għall-ħabta tas-6.00 p.m. Barra minn hekk, għalkemm l-arma kienet imsakkra fil-kamra ta' l-injam, ċertament ma jistax jingħad li kienet f'post sikur u dik il-kamra ċertament ma kinitx il-post fejn kellha "tinżamm".

**8.** Kwantu għall-imputazzjonijiet l-oħra, huwa minnu illi ma nġabitx prova li l-appellant instab jikkaċċja. Difatti jista' jingħad illi huwa ma nstabx ħati li kien qiegħed jikkaċċja. Mhux l-istess jista' jingħad, pero`, dwar it-trabokk li nstab u li huwa stess ammetta li kien għamel hu. Difatti, bħalma anke xehdu l-uffiċjali tal-Pulizija, dan it-trabokk kellu toqob fil-parti ta' fuq li kienu jippermettu l-qbid ta' gamiem u kif kienet, bħalma osserva l-Ispettur Mercieca, "tibqa' tonsob waħedha". Imbagħad, kif ingħad, fil-kamra nstab ukoll *bird-caller*.

**9.** Ir-regolamenti 7(1)(d)(f) ta' l-Avviż Legali 79/2006 (Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi – L.S. 504.71) jipprojbixxu rispettivament l-użu ta' apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar, u ta' kull tip ta' trabokk. Ir-regolament 7(2) imbagħad jipprojbixxi,*inter alia*, li wieħed iżomm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-subregolament (1). Fil-każ in eżami, l-appellant kellu fil-pussess tiegħu *bird-caller* li ma nstabx jintuża filwaqt li t-trabokk kien qiegħed jintuża.

**10.** Minn dan kollu għalhekk din il-Qorti ssib li l-appellant instab ħati tajjeb taħt ir-regolamenti u artikoli ċitati mill-ewwel Qorti. Konsegwentement l-appell ma jistax jiġi milqugħ.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.